**28 ta' Frar, 1994**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Noel V. Arrigo B.A., LL.D.**

Tonio Vella

*versus*

Kummissarju tal-Pulizija u Superintendent Carmelo Bonello

**Arrest Illegali – Trattament Inuman u Degredanti – Responsabbilità – Ripartiżazzjoni – Kumpens – Likwidazzjoni – Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem**

*B'sentenza separata kien ġà ġie deċiż li r-rikorrent kien safa arrestat illegalment u sofra trattament inuman u degredanti. Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili issa rripartiet ir-responsabbilità żewġ terzi għas-Superintendent inkarigat u terz għall-Kummissarju tal-Pulizija, u llikwidat kumpens favur ir-rikorrent ta' Lm3000. Il-Qorti Kostituzzjonali rriformat fis-sens li l-intimati kienu solidalment responsabbli għall-ħlas tal-kumpens.*

*Fil-likwidazzjoni ta' kumpens għall-arrest illegali u għal trattament inuman u degredanti ma jiġux illikwidati biss id-danni materjali, imma anke somma għall-vjolazzjoni u tbatija li jkun sofra r-rikorrent.*

Il-Qorti: -

1. Fil-5 ta' April, 1991, din il-Qorti, f'din il-kawża kienet iddeċidiet illi:

(a) L-arrest ta' Tonio Vella mill-intimati kien sar b'mod li ġie vvjolat l-artikolu 34(f) tal-Kostituzzjoni billi ma kienx hemm suspett raġjonevoli li huwa kkommetta jew kien sejjer jikkommetti reat kriminali, u;

(b) L-intimati kienu ħatja ta' trattament inuman u degradanti bi vjolazzjoni ta' l-artikolu 36 tal-Kostituzzjoni;

L-atti kienu ntbagħtu lura lill-Qorti ta' l-ewwel grad biex tiġi investita l-kwistjoni tar-ripartizzjoni tar-responsabbilità bejn l-intimati u biex tkompli tieħu konjizzjoni ta' l-aħħar talba tar-rikorrent – ċjoè li l-Qorti:

"Tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti, u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex jiġu rrimedjati dawn il-vjolazzjonijiet tal-jeddijiet fundamentali tal-bniedem, ta' l-

esponent, fosthom ukoll li ssib lill-intimati ħatja ta' ksur tal-Kostituzzjoni kif imsemmi u anki tikkundannahom iħallsu lill-esponenti l-kumpens previst fl-artikolu 35(4) tal-Kostituzzjoni";

2. Fid-9 ta' Lulju, 1993, il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili kkonkludiet il-proċediment li kellha quddiemha u stabbiliet li ġej:

(a) Il-fatti tal-kawża ġraw fit-2 ta' Diċembru, 1983. Isegwi illi r-rimedju li tista' tagħti l-Qorti, għaxar snin wara, huwa li "r-rikorrent jiġi kkompensat, b'mod realistiku għall-inġustizzja li sofra. Dan ir-rimedju jista' jkun biss wieħed pekunarju konsistenti fi ħlas ta' somma flus li l-Qorti, fl-arbitriju tagħha, tħoss li tkun tali biex tagħmel tajjeb għad-danni subiti";

Din hija l-linja stabbilita ġà minn sentenzi tal-Qorti Kostituzzjonali – 6-4-89, Pace *vs* Prim Ministru, 11-12-90, F. Zammit Dimech *vs* Kummissarju tal-Pulizija, u 21-2-93 Vincent Vella *et vs* Kummissarju tal-Pulizija;

(b) It-trattament inuman li r-rikorrent ġie assoġġettat għalih sar waqt l-arrest illegali li sofra, u m'għandux jiġi kkomputat kumpens separat għal dan il-ksur, iżda dan għandu jiġi rifless fl-ammont globali li jiġi llikwidat;

(ċ) Ikkonsiderati l-aspetti kollha tal-każ, u partikolarment li r-rikorrent, huwa bniedem li minn ċkunitu kien inkapaċitat u l-effetti negattivi li sofra sew f'saħħtu u sew fl-istat mentali tiegħu, u li l-kumpens qed jingħata wara t-trapass ta' għaxar snin, illikwidat l-istess kumpens fl-ammont ta' tlett elef lira (Lm3,000);

(d) Bejn l-intimati, billi dak li ġara għamlu direttament

l-intimat Bonello, waqt illi l-Kummissarju tal-Pulizija kien jaf, jew imissu jaf, b'dak li kien qed jiġri – Bonello huwa responsabbli li jħallas żewġ terzi (⅔) u l-Kummissarju tal-Pulizija terz (⅓) tal-kumpens illikwidat;

(a) L-ispejjeż kollha għaż-żewġ intimati, fl-istess proporzjon;

3. Minn din is-sentenza appella, prinċipalment Carmelo Bonello u inċidentalment ir-rikorrent;

Se jiġu kkonsiderati l-ewwel, l-aggravji ta' l-appell prinċipali;

4. L-appellant jidhirlu li l-ewwel Qorti m'għamlitx l-eżerċizzju neċessarju biex tistabbilixxi jekk huwa kienx responsabbli għall-kommissjoni tal-vjolazzjonijiet;

Dan l-aggravju u dawk li ġew konnessi miegħu, m'humiex korretti. Is-sentenza appellata difatti tgħid illi Carmelo Bonello kien prinċipalment responsabbli għal dak li ġara – huwa ordna l-arrest, huwa żamm ir-rikorrent arrestat aktar minn neċessarju u "kien hu li kien direttament involut fit-trattament mogħti lir-rikorrent";

Mill-proċess ma tirriżulta ebda intromissjoni diretta tal-Kummissarju tal-Pulizija, fuq il-**modilitajiet** ta' dak li kellu jsir, jew li, f'sens ġenerali, ġie ordnat mill-Kummissarju. L-investigazzjoni diretta ta' l-operazzjoni ta' tfittxija ta' l-armi, ibbażati fuq informazzjoni anonima, kienet imħollija f'idejn is-Superintendent Bonello u kien huwa li kellu jiddeċidi jekk, wara l-perkwiżizzjonijiet bla frott li għamel, meta rriżultalu li l-informazzjoni anonima kienet inattendibbli, kellux jarresta lir-

rikorrent flok ma sempliċement jinterrogah mingħajr ma jarrestah; kienet f'idejh id-deċiżjoni ta' arrest meta ma kienx lanqas fadallu raġonevolezza għal kwalsiasi suspett li seta' kellu; kien huwa li kellu jassikura, almenu, li meta jasal biex jarresta bniedem fl-istat fiżiku u psikiku tar-rikorrent, jara u jassikura li jiġi ttrattat umanament u in konformità ma' dik il-kwalità ta' personalità, u mhux għall-kuntrarju, jippermetti li jiġu inflitti fuq l-arrestat dak li din il-Qorti diġà ddiskriviet fl-ewwel sentenza tagħha f'din il-kawża, dik tal-5 ta' April, 1991; kien huwa li wara dan kollu, kellu almenu jara li jagħmel dak li kellu jagħmel waqt l-arrest fl-anqas żmien possibbli, mentri kien huwa li kellu l-kapaċità li jinfliġġi umiljazzjoni u tbatija kontinwa għal sitta u erbgħin (46) siegħa sħaħ – meta fl-aħjar ipotesi dak li kellu jagħmel seta' għamlu f'nofs siegħa;

Minn, kif taraha din il-Qorti, l-intimat Bonello li ma kellux konċett "verament uman" ta' dawk li huma "suspettati" bħala "kriminali", ma jistax jeħles mir-responsabbiltà personali għal dan il-kwalità ta' operat, li jekk mhux konsapevolment doluż, minħabba f'ċerta ċeċità indotta, huwa gravament kolpuż;

Huwa veru u preċiż illi f'ħafna każijiet, huwa min jikkmanda aktar milli l-esekuttur tal-kmand, li jkollu l-akbar grad ta' ħtija – imma fil-każ preżenti, mill-provi ma jidhirx illi dak li għamel l-intimat Bonello kien b'xi mod ordnat li jsir mill-intimat l-ieħor – bil-modalitajiet li ntużaw, liema modalitajiet fir-realtà jikkostitwixxu l-vjolazzjonijiet prinċipali tad-drittijiet fundamentali;

L-appellant sab oġġezzjoni wkoll għaliex huwa ġie akkollat bir-responsabbilità rigward it-trattament inuman u degradanti, meta dan it-trattament ikkommettih ħaddieħor. Imma lanqas

hawn m'għandu raġun. Huwa kien is-Superintendent tal-Pulizija li kellu f'idejh il-konduzzjoni ta' l-operazzjoni kollha, u jrid jassumi r-responsabbilità kollha ta' dak li sar, anki minn subalterni li huwa kellu l-obbligu li attivament jikkonduċi;

Kien jaf, almenu **wara** li l-ordna l-arrest (meta missu kien jaf qabel) xi kwalità ta' persuna kien qed jarresta, u kellu għalhekk l-obbligu li jara li persuna li fiżikament ma kinitx normali, ma tiġix ittrattata bħallikieku kienet. L-insensittività, l-indifferenza għal dak kollu li huwa sewwa li jsir, u l-insensibbilità għal kull aspett uman tal-viċenda – ta' l-intimat Bonello, mogħti r-responsabbilità konformi għall-grad li kien jokkupa fil-korp tal-Pulizija – jgħabbuh bil-piż kollu ta' l-effetti li dak kollu jimporta;

Dan huwa aggravju ta' natura ġuridika billi jsostni illi l-Kostituzzjoni ma tikkontemplax – ħlief fil-każ ta' arrest illegali – li l-Qorti tikkorda kumpens pekunjarju;

L-ewwel Qorti kkunsidrat din l-oġġezzjoni u rriġġettaha billi amplifikat ir-raġunijiet mogħtija minn din il-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza tagħha tal-21 ta' Jannar, 1993, fl-ismijiet Vincent Vella *et vs* Kummissarju tal-Pulizija *et* fejn kontra l-identika oġġezzjoni mill-istess Carmelo Bonello, intqal:

"L-appellant (Bonello) għandu jħares lejn dak li hemm fis-subinċiż prċedenti (i.e. is-sub-inċiż) ta' l-artikolu 46 tal-Kostituzzjoni) biex isib illi kull persuna li tħoss li tkun ġiet (passat) tkun qed tiġi (preżent) jew x'aktarx se tiġi (fil-futur) soġġett ta' xi vjolazzjoni tad-drittijiet fundamentali, tista':

"...titlob lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għal **rimedju**";

Din il-frażi introduċiet sanzjoni kontra l-vjolazzjonijiet tad-drittijiet fundamentali li fil-maġġoranza tal-kostituzzjonijiet ta' qabel it-tieni gwerra mondjali, kienet nieqsa, u dawk il-vjolazzjonijiet meta kienu jirrikorru kienu joffendu d-dritt doppjament għaliex proprju ma kienx hemm rimedju ġuridiku effettiv għalihom – kontra l-prinċipju primarju u fundamentali tal-Ġustizzja li titlob il-kontropass;

Għal vjolazzjoni passata – kif inhuma dawk *de quo agimur* – huwa manifest, li, fil-maġġoranza kbira tal-każijiet l-uniku rimedju – l-unika sanzjoni – hija l-kundanna għall-ħlas ta' kumplens f'forma pekunjarja'';

L-appellant ma ġab ebda raġuni jew argument ġdid, kontra dak li għadu kif ġie kkwotat u għalhekk għamlet sewwa l-ewwel Qorti li espandiet l-istess raġunament *in ripulsa* ta' l-oġġezzjoni ripetuta ta' Carmelo Bonello, u qalet:

''Meta l-ksur ikun attwali jew futur, ir-rimedju mhux neċessarjament ikun finanzjarju, anzi jkun aktar fl-interess ta' dik il-persuna li tkun ressqet l-ilment, li tali rimedju jkun immedjat u effettiv sabiex il-ksur ta' dak id-dritt fundamentali jiġi mxejjen jew evitat. Iżda f'każ ta' vjolazzjoni 'passata' bħal fil-każ in eżami, l-uniku rimedju jikkonsisti fil-kundanna għall-ħlas ta' kumpens f'forma pekunjarja. Altrimenti l-protezzjoni li tagħti l-Kostituzzjoni tisfa' fix-xejn billi sempliċi dikjarazzjoni tal-ksur ta' xi wieħed mid-drittijiet, la ser jissodisfa lill-parti leża u lanqas ma ser ikun ta' detriment lil terzi'';

6. Huwa minnu illi s-subinċiż 4 ta' l-artikolu 45 jispeċifika illi:

"Kull min ikun arrestat jew detenut illegalment minn xi pseruna oħra jkollu d-dritt għall-kumpens, għalhekk, minn dik il-persuna";

Però dan ma jissufragax, jew ma jfissirx, li fil-każ **biss** ta' arrest illegali hemm id-dritt ta' kumpens;

Anzi, għall-kuntrarju, dan is-subinċiż isegwi elenku ta' każijiet fejn **l-arrest minn xi awtorità pubblika** għandu jiġi kkonsiderat illegali, u mbagħad, dan is-subinċiż jikkunsidra l-possibbilità ta' **arrest** minn xi "persuna **oħra**" ċjoè kwalunkwe persuna li mhix dik il-persuna jew persuni li jissemmew fis-subinċiżi (1), (2) u (3) li huma kollha persuni **formalment** investiti minn xi kwalità ta' awtorità, mentri f'dan is-subinċiż (4) il-persuna li qed tarresta m'għandhiex lanqas formalment, l-awtorità li tarresta, billi hija persuna "privata" u f'dan il-każ, allura, il-vittima għandha d-dritt li tirrikorri għall-kumpens kontra dik il-persuna privata, u kontra tagħha **biss** – *multo magis* – fil-każ ta' arrest illeċitu minn persuna "pubblika" dik il-vittima għandha d-dritt għall-kumpens mill-awtorità pubblika, garanti ta' l-impjegati tagħha li ma jikkommettux, bis-saħħa ta' l-awtorità li huma jippossjedu, leżjonijiet tal-libertajiet u d-drittijiet fundamentali tal-bniedem; u jekk jikkommettuhom, tiggarantixxi wkoll ir-rizarċiment lill-vittima;

7. L-appellanti jillamenta illi fis-sentenza appellata m'hemmx indikati l-kriterji li intużaw għal-likwidazzjoni tal-kumpens;

Mill-qari tas-sentenza appellata, jirriżulta illi l-ewwel Qorti kkunsidrat l-aspetti **soġġettivi** billi:

(a) Ir-rikorrent huwa bniedem li minn ċkunitu kien inkapaċitat, riġlejh it-tnejn debilitati, jilbes żraben speċjali li mingħajrhom ma jistax jimxi b'mod normali;

(b) Huwa dijabetiku;

(ċ) L-ansjetà li l-bniedem bħal dan li kkawżawlu l-avvenimenti;

(d) L-imbarazz li ħass meta ġie arrestat fil-post tax-xogħol;

(e) L-effett negattiv fuq is-saħħa fiżika u mentali tar-rikorrent fl-istat prekarju li diġà kien jinstab fih;

u dawn huma l-aspetti soġġettivi li ġew ikkonsiderati;

L-aspetti oġġettivi, imbagħad, huma:

(a) Li l-kumpens qed jingħata wara għaxar (10) snin mill-avveniment;

(b) Li l-vjolazzjonijiet huma aktar minn waħda u li t-tnejn huma gravi, (i) l-arrest illegali, imma fuq kollox, (ii) it-trattament inuman u degradanti li kellu jsofri r-rikorrenti, **mingħajr l-iċken indikazzjoni serja ta' ħtija jew kolpevolezza**, jiġifieri, fil-konfront ta' rikorrenti **assolutament**, u mhux biss **formalment u ġuridikament**, innoċenti;

Għalhekk, dan l-aggravju huwa wkoll infondat u l-appellant kellu l-opportunitajiet kollha li jikkritika dawn il-kriterji, soġġettivi u oġġettivi, li servew għall-ewwel Qorti – biex eżerċitat prudenzjalment id-diskrezzjoni tagħha li tiffissa l-

kumpens dovut;

Jista, finalment, jiġi nnutat illi l-ewwel Qorti, fl-eżerċizzju li għamlet, ħalliet barra **il-paragun** li setgħet għamlet, ma' każijiet oħra ta' kumpens li ġie akkordat fid-diversi każijiet kostituzzjonali li ppreċedew is-sentenza tagħha. Dan in-nuqqas però jmur **favur** l-appellanti u mhux kontra;

8. Ir-rikorrent appella inċidentalment għaliex l-ewwel Qorti ma akkordatx is-solidarjetà bejn l-intimati għall-ħlas tal-kumpens lir-rikorrent;

Dan il-lament huwa fondat. Fil-kamp tal-vjolazzjonijiet tal-libertajiet u d-drittijiet fundamentali skond is-sistema kostituzzjonali tagħna, issa (għalkemm mhux għal dan il-każ) integrata mid-disposizzjonijiet ta' l-Att XIV ta' l-1987 huma **bħala regola garantiti mill-Istat**; Konsegwentement, is-sistema hija bbażata fuq risarċiment li għal vittima, fi kwalunkwe **każ** u sakemm ma jingħadx mod ieħor, huma garantiti mill-Istat, waqt li fir-relazzjonijiet bejn l-Istat u dawk li direttament ikkawżaw il-vjolazzjoni, dak ir-risarċiment jiġi ripartit skond iċ-ċirkostanzi tad-dritt in ġenerali. Eċċezzjonijiet għal din ir-regola, bħala ma hija dik li ġiet innotata fil-paragrafu 6 *supra,* huma ftit u individwabbli;

Għalhekk fil-każ preżenti, il-kumpens li għandu jirċievi r-rikorrent għandu jirċevih miż-żewġ intimati jew minn kull wieħed minnhom, fl-ammont intier, waqt li fir-relazzjonijiet interni ta' l-intimati bejniethom, ir-regolamentazzjoni hija ta' żewġ terzi (⅔) li għandu jbatihom Carmelo Bonello u terz (⅓) li għandu jbatih il-Gvern, jew aħjar, il-Kummissarju tal-Pulizija, (innominat) jiġifieri d-Dipartiment governattiv tal-Pulizija;

9. Għalhekk, din il-Qorti qiegħda tirrespinġi l-appell tal-intimat Carmelo Bonello u takkolji l-appell inċidentali tar-rikorrent u għalhekk qed tirriforma s-sentenza appellata fis-sens biss illi l-kumpens illikwidat ta' tlett elef lira (Lm3,000) li għandu jirċievi r-rikorrent huma dovuti *in solidum* miż-żewġ intimati – b'dan illi fir-relazzjonijiet interni bejn l-istess intimati dawn għandhom ibatu kemm il-kumpens, kif ukoll l-ispejjeż kollha, fil-proporzjon ta' żewġ terzi (⅔) mill-intimat Carmelo Bonello u terz (⅓) mill-Kummissarju tal-Pulizija;